# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O NOEL V. ARRIGO LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**
**ONOR.GIANNINO CARUANA DEMAJO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Cit. Nru. 208/89 JSP**

**Tabib Principali Tal-Gvern**

**vs**

**Christopher Camilleri**

**Il-Qorti,**

**1 PRELIMINARI** :

L-Onorabbli il-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat din is-sentenza fil- 5 ta' Ottubru 1994 :

> "Rat l-att tac-citazzjoni tat-2 ta' Mejju, 1989, li bih l-attur wara li ppremetta illi fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar, 1987, l-attur ippubblika sejha ghal applikazzjonijiet ghad-dhul fil-kors ta' tahrig ghal Teknici tal-Farmacija u li skond il-paragrafu 3

(d) tal-istess sejha ghall-applikazzjonijiet, il-kandidati kellu "jkollhom ic-certifikat ta' l-Oxford f'Livell Ordinarju jew il-London General Certificate of Education jew ic-certifikat tal-Matrikola ta' Malta li juru 'passes' f'lingwa wahda, suggett wiehed tax-Xjenza jew matematika u suggett iehor jew kwalifiki ekwivalenti".

U wara li ppremetta illi l-konvenut applika biex jidhol fl-imsemmi kors u ibbaza l-applikazzjoni tieghu, inter alia, fuq certifikat li kien juri li huwa kellu l-kwalifiki rikjesti u li minghajr l-imsemmi certifikat l-applikazzjoni tal-konvenut ghad-dhul fil-kors in kwistjoni ma kienetx tkun tista' tigi ikkunsidrata stante li kien ikun jidher li l-konvenut ma kellux l-kwalifiki rikjesti fis-sejha ghall-applikazzjonijiet;

U wara li ppremetta illi in segwitu ghall-applikazzjoni tieghu l-konvenut intaghzel biex jaghmel il-kors ta' tahrig ghal teknici tal-Farmacija liema kors huwa attenda ghall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Marzu, 1987 u d-29 ta' Frar, 1988, ghall-liema perjodu l-attur, bejn flus imhallsa direttament lill-konvenut ghax-xiri ta' kotba u spejjes personali w bejn kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali imhallsa lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghall-beneficcju tal-konvenut u bejn bonus, lahaq thallas lill-konvenut jew lil terzi ghal benificcju tieghu s-somma ta' Lm 786.33,5 ;

U wara li ppremetta illi oltre l-flus hawn fuq imsemmija l-attur hallas ukoll l-ispejjes ta' kuntratt pubbliku tat-23 ta' Marzu, 1987, li bih missier il-konvenut, Joseph Camilleri, dahal garanti favur l-attur illi l-konvenut jottempra ruhu mal-kundizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt, liema spejjes ammontaw ghal Lm 14.60 ;

U wara li ppremetta illi waqt li l-konvenut kien qieghed jattendi l-imsemmi kors irrizulta lill-attur li fil-kors ta' inkjesta li kienet saret ai termini ta' l-Att Nru XIX tal-1977, dwar l-Inkjesti kien instab li c-certifikat ta' kwalifiki prodott flimkien ma' l-applikazzjoni tal-konvenut kien fil-fatt wiehed falz u illi l-konvenut ma kellux l-kwalifiki mehtiega biex ikun fil-kors ta' tahrig ghal Teknici tal-Farmacija u b'hekk ma setax jasal biex jottjeni l-licenzja ta' tekniku tal-Farmacija ai termini ta' l-Artikolu 21 tal-Kap 31 dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha ;

U wara li ppremetta illi sussewgwentament huwa kiteb lill-konvenut u gharrfu b'dan il-fatt u l-konvenut ma gab ebda prova biex jikkontesta r-rizultanzi ta' l-Inkjesta in kwistjoni u ma thalliex ikompli l-kors u li l-agir tal-konvenut kien wiehed doluz u frawdolenti li jaghti lok ghan-nullita' tal-ftehim ta' tahrig li sar bejn

l-attur u l-konvenut ghall-obbligu tal-konvenut li jirrifondi lill-attur l-flus kollha mhallsa lilu jew lil terzi abbazi ta' jew minhabba l-imsemmi ftehim u dan stante li huwa car li minghajr l-inganni maghmulin mill-konvenut l-attur ma kienx jidhol fl-imsemmi ftehim ta' tahrig u li meta interpellat kemm bonarjament kif ukoll ufficcjalment biex jirrifondi l-flus in kwistjoni, li konvenut baqa' inadempjenti;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex : -

1. Tiddikjara li l-ftehim ta' tahrig hawn fuq imsemmi maghmul bejn l-attur u l-konvenut huwa null u minghajr effett stante li l-kunsens ta' l-attur ghal dak il-ftehim inghata minhabba ghemil doluz u frawdolenti w inganni da parti tal-konvenut li minghajrhom l-attur ma kienx jikkuntratta.

2. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli biex ihallas lill-attur il-flus kollha li l-attur hallas lill-konvenut u lil terzi persuni in forza ta' jew minhabba l-kuntratt hawn fuq imsemmi.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' LM800.93,5 jew somma ohra verjuri li tirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dovuta ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-20 ta' Gunju, 1988, u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi fl-ewwel lok illi m'huwiex minnu dak illi hemm allegat illi l-eccipjenti ghamel xi ghemil doluz u frawdolenti li minhabba fih l-attur ma kienx jikkuntratta u li s-somma mitluba m;hijiex dovuta ir-rifuzzjoni mitluba.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru, 1989, li bih inominat lill Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon bhala perit legali bl-inkarigu li jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit legali ;

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju, 1994, li bih il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :-

Il-fatt tal-kawza jirrisalu ghat-23 ta' Jannar, 1987, meta l-Gvern ippubblika sejha ghall-applikazzjonijit ghad-dhul fil-kors ta' tahrig ghal Technician fil-Farmacija. Il-konvenut applika biex jidhol fl-imsemmi kors u ibbaza l-applikazzjoni tieghu fuq kwalifiki li allega li kellu. Hu infatti gie maghzul biex jaghmel dan il-kors ta' tahrig, u attenda ghalih bejn id-29 ta' Marzu, 1987 sal-25 ta' Frar, 1988. F'dan il-perjodu hu rcieva mid-Dipartiment allowances, flus ghax-xiri ta' kotba, u spejjes personali u Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali. Irrizulta – wara li saret investigazzjoni w inkjesta ai termini tal-Att XLX tal-1977 dwar l-Inkjesti – illi l-konvenut, meta applika "ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex ikun fil-kors ta' tahrig li ghalih gie maghzul". Hu ma thalliex ikompli l-kors u din il-kawza qed issir ghar-rifuzzjoni tal-ammont imhallas lilu bhala konsegwenza tal-qerq li pprattika.

L-attur jippremetti li, "l-agir tal-konvenut kien wiehed doluz u frawdolenti li jaghti lok ghan-<u>nullita' tal-ftehim ta' tahrig</u> bejnu w l-konvenut u jobbliga lill-istess konvenut li jirrifondi l-ammont li huwa ircieva". L-attur qed ifittex ukoll lill-konvenut ghar-rifuzzjoni tal-ispejjes tal-kuntratt assigurat li l-konvenut jottempra ruhu mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Jinghad li l-Qorti hi sodisfatta illi c-certifikati li bis-sahha taghhom l-attur gie maghzul biex isegwi l-kors, ma kienux tieghu, imma ta' certu Patrick Agius. Il-fatt li fl-ezercizzju taht l-istess cirkolari w taht l-istess sejha ghall-applikazzjonijiet kien hemm tlett applikanti ohra li wkoll jirrizulta li kellhom certifikati foloz mal-applikazzjoni taghhom hu sintomatiku ta' 'system of conduct' ta' uhud min dawk li kienu interessati fis-settur li iqarqu bl-amministrazzjoni pubblika. Il-fatt imbaghad li l-konvenut, flimkien ma' zewg applikanti ohra, cahdu li qatt ipprezentaw dawn ic-certifikati foloz mal-applikazzjoni taghhom, mhu xejn hlief tentattiv trasparenti biex jostru l-qerq taghhom waqt li jaghtu l-impressjoni li l-amministrazzjoni pubblika kienet ghal kollox u b'mod irresponsabbli, inefficjenti w ingusta ma min haqqu verament isegwi l-kors, persuni li gew infatti eskluzi minhabba l-qerq tal-konvenut u shabu. Inefficjenza amministrattiva, li fil-verita' tidher mod iehor, ghaliex ma jirrizulta minn imkien li sar l-ebda tentattiv minn min kien responsabbli biex jivverifika l-korrettezza w l-awtenticita' tad-dokumenti w certifikati ezibiti mal-applikazzjonijiet, qabel ma gie deciz dwar min kien kwalifikat li jsegwi l-kors skond il-kundizzjonijiet tal-'call for applications'. Dan kollu hareg waqt l-investigazzjoni mill-Bord ta' Inkjesta u jirrizulta ampjament mir-

rapport taghhom u mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruha f'dan l-aspett aktar, billi m'hux strettament rilevanti ghall-mertu.

Dana premess, hu car illi t-talba attrici hi : -

a. diretta biss kontra il-konvenut u mhux kontra missieru li ffirma semplicement kuntratt ta' garanzija li jaghmel tajjeb ghall-ibnu li josserva l-obbligi li hu (cioe' ibnu) assuma meta inghazel biex isegwi l-kors;

u

b. l-azzjoni ta' l-attur hi mmirata biex jigi dikjarat null " il-ftehim ta' tahrig", bejnu w il-konvenut, minhabba agir "doluz u frawdolenti" da parti tieghu. Ma huwiex qed jittanta azzjoni ghad-danni " ex delictu", imma azzjoni ghar-rifuzzjoni ta' flus avanzati lill-konvenut, konsegwenti ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt. Hekk hi wkoll redatta l-ewwel talba tieghu. Distinzjoni netta li minnha johorgu konsegwenzi legali importanti;

Hu provat illi meta sar il-ftehim ta' tahrig bejn l-attur u il-konvenut, dan kien ghad ghandu sbatax-il sena – kien minorenni. L-Artikolu 967 (3) tal-Kodici Civili, jiddisponi li "l-minuri huma inkapaci li jikkontrattaw". L-Artikolu 969 jiddisponi : -

i. "Hija wkoll nulla kull obbligazzjoni li biha jintrabat tifel li ma ghalaqx l-eta' ta' erbatax-il sena";

ii. "Izda jekk it-tifel ikun ghalaq disa' snin, il-ftehim ikun jiswa ghal dawk l-obbligazzjonijiet li haddiehor ikun intrabat bihom favur tieghu".

L-Artikolu 970 jiddisponi li : -

"Id-disposizzjonijiet tal- ahhar artikolu qabel dan, jghoddu wkoll fil-kaz ta' tfal li jkun ghalau l-eta' ta' erbatax –il sena, izda li jkunu ghadhom ma ghalqux dik ta' tmintax – il sena jekk ikunu taht is-setgha tal-missier jew jekk ikollhom kuratur".

Fil-kaz in ezami, l-attur kien minuri bejn l-erbatax w it-tmintax – il sena w kien taht is-setgha tal-missier, tant li il-missier indahal biex jaghmillu garanti – skond il-kondizzjonijiet fil-'call for applications'. Issa jekk il-ftehim ikun null ab initio, minhabba nuqqas ta' kapacita' ta' wiehed mill-kontraenti, ma japplikawx stricto jure, il-provvedimenti l-ohra tal-Kodici Civili, li jipprovdu ghall-annullabilita' tal-kuntratt minhabba qerq, vjolenza, ecc. Il-Qorti

ghalhekk tista' tieqaf hawn, una volta l-azzjoni ma tirrizultax li hi bazata fuq l-Artikolu 1035 tal-Kodici Civili, li jipprovdi ghar-responsabbilta' ghall-hsara maghmul minn tfal fosthom dawk ta' 'il fuq minn erbatax – il sena, meta jigi provat li mxew bil-hazen,kif indubbjament mexa l-attur fl-agir rikonoxxut kriminuz mill-Qrati Kriminali, w kif jidher ukoll mill-atti akkwiziti.

L-azzjoni attrici, kif proposta, ma tistax allura tregi. Dan apparti illi, anke jekk wiehed jindaga aspett iehor – kif ghamel il-perit legali – bil-presuppost, fil-fehma tal-Qorti zbaljat, li l-ghemil doluz tal-konvenut minuri, jista' jwassal ghan-nullita' tal-kuntratt, wiehed jasal ghall-istess konkluzzjoni, ghax f'tali eventwalita' l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali ikunu allura validi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad t-talbiet tal-attur.

Hemm lok ghall-temperament fil-kap tal-ispejjes, in vista tal-fatt li rrizultat provata it-turpitudini tal-konvenut li tat lok ghal din l-azzjoni. L-ispejjes jibqghu ghalhekk bla taxxa bejn il-kontendenti".

## II L-**APPELL**

Billi it-Tabib Principali tal-Gvern ("L-appellant") hassu aggravat minn din is-sentenza, huwa appella minnha, b'talba li dina il-Qorti jogghobha thassarha u tirrevokha u minflok tilqa' t-talbiet kontenunti fic-citazzjoni – u dana r-ragunijiet li hu spjega fil-pettizzjoni ta' L-appell tieghu.

Mill-banda l-ohra, Christopher Camilleri ("L-appellat") fir-risposta ta' l-appell tieghu, spjega ghaliex, fil-fehma tieghu, s-sentenza appellata kienet gusta kemm legalment u kemm moralment u ghalhekk kienet timmerita konferma.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

1. F'wiehed mill-aggravji tieghu, l-appellant jillamenta li l-ewwel Qorti imxiet b'mod irritwali meta hija stess issolevat l-eccezzjoni tan-nullita' tal-ftehim minhabba li l-appellat kien ghadu minorenni fiz-zmien meta sar il-ftehim dwar il-kors ta' tahrig tat-Teknici tal-Farmacija.

2. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dana l-aggravju huwa gustifikat. Irrizulta li dak iz-zmien l-appellat kellu sbatax – il sena u kien taht is-setgha ta' missieru. Ghalhekk, id-disposizzjonijiet kontenuti fl-artikoli 969 u 970 tal-Kodici Civili citati fis-sentenza appellata kienu applikabbli ghal kaz. Billi dak iz-zmien l-appellat kellu l-eta' ta' sbatax –il sena, l-inkapacita' li tista' tigi konsidrata, m'hijiex l-inkapacita' naturali bazata fuq xi nuqqas assolut ta' kapacita' li wiehed jaghraf sewwa u jikkonsentixxi ghal ftehim, liema inkapacita' tirrendi il-kuntratt kompletament inezistenti. Invece, semmai, si tratta ta' inkapacita' legali cioe' dik l-inkapacita' li tidderiva mid-disposizzjoni tal-ligi stess u li tirrendi il-kuntratt annullabbli. Anzi f'dan il-kaz, si tratta ta' annullabbilita' relattiva, w it-talba ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-ftehim tispetta prettament lill-minuri, billi skond l-artikolu 969

> "il-ftehim ikun jiswa ghal dawk l-obblikazzjonijiet li haddiehor ikun intrabat bihom favur tieghu".

3. Issa, fil-kawza odjerna, l-appellat ma ssolevax l-eccezzjoni ta' nullita' tal-ftehim fuq il-bazi ta' xi inkapacita' legali derevanti minn minor eta' tieghu. Isegwi, li la darba huwa ma ghamielx hekk, l-ewwel Qorti ma kelliex ghalfejn tissolleva hija stess dina l-eccezzjoni. Infatti, meta ghamlet hekk l-attur sab ruhu f'posizzjoni zvantaggata ferm ghaliex, kif sewwa ghid fil-pettizzjoni tal-appell tieghu:

> "Kieku din l-eccezzjoni inaghtat mill-kunvenut, l-esponent seta' jiddefendi ruhu kontra taghha minhabba l-fatt illi l-ftehim ta' tahrig in kwistjoni kien sar bil-pjena konnoxenza u bill-kunsens ta' missier il-konvenut"

4. F'sitwazzjoni li tixbah hafna dik fil-kawza odjerna, din il-Qorti difersament komposta, kienet irrettjeniet hekk, fis-sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 1991 fl-ismijiet Anthony Hammett et nomine vs Vincent Genovese propio et nomine ( ara Kollezzjoni Vol LXXV – II – pag 545):

"Infatti, ghalhemm ma jirrizultax mill-korp tas-sentenza appellata li l-ewwel Onorabili Qorti kienet qed tissoleva hi " ex officcio" l-eccezzjoni li fil-fatt iddeciedit abbazi taghha s-sentenza, jirrizulta li **din l-eccezzjoni ma gietx sollevata mill-partijiet izda mill-Qorti stess.**

Fil-fehma tal-Qorti dan iwwassala biex tiddeciedi li fil-process li wasal ghas-sentenza appellata l-ewwel Qorti ipprocedit bi procedura li tivvjola il-principju kardinali tas-smiegh tal-kawza u cioe' li l-Qorti ma ghandhiex tissoleva eccezzjonijietli li mhux awtorizzati espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku ; altrimenti kwalunkwe kwistjoni legali tkun tista' tigi sollevata mill-Qorti, prattika din li m'hijiex rakommandabbli u li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess."

Applikat dan l-insenjament ghal l-aggravju imsemmi ta' l-appellat, jidher car li l-istess aggravju huwa gustifikat u ghalhekk din il-konsiderazzjoni wahiedha tista' twassal ghall-akkoljament ta' l-appell in kwantu jikkoncerna it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata.

5. Illi l-appellat ressaq aggravju iehor li testwalment gie imfisser hekk :

> "Il-konkors ta' volontajiet li ta' lok ghall-ftehim ta' tahrig bejn l-esponent u l-konvenut ma kien affett minn ebda nullita' u dan peress li tali ftehim sar bil-kunsens tar-rapprezentant legali tal-konvenut (u cioe' missieru) li anke ghamel kuntratt separat ma l-attur fejn huwa dahal garanti li ibnu kien se jwettaq l-obbligazzjonijiet li kien jinvolvi l-kors.
>
> L-ewwel Qorti tidher li, korrettement, accettat illi l-'ftehim ta' tahrig li l-esponent qed jimpunja m'huwiex il-ftehim separat ta' garanzija li sar ma missier il-konvenut, pero' ma hemm xejn fis-sentenza li jindika li l-Qorti tat xi konsiderazzjoni lill-fatt illi l-ftehim (del resto konsistenti f'konkors ta' volontajiet dokumentat f'korrispondenza u pruvat mill-fatti izda m'hux miktub f'xi forma partikolari) li sar bejn l-esponent u l-konvenut sar bil-konsapervolezza u bil-kunsens ta' missieru li anke iggarantixxa personalment il-posizzjoni ta' ibnu.
>
> Ghalhekk il-ftehim in kwistjoni kien perfettament validu u vinkolanti bejn il-partijiet"

6. Anke dana l-aggravju, fil-fehma konsiderata tal-Qorti, huwa gustifikat. Infatti, jirrizulta sodisfacentement li il-ftehim li bih l-appellat dahal fil-kors ta' tahrig ghat-Teknici tal-Farmacija ma sarx mill-appellat wahdu, cioe' ad insaputa ta' missieru, li dak iz-zmien kellu s-setgha ta' genitur fuq il-minuri ibnu. Invece, id-decizjoni li l-appellat jidhol ghall-istess kors ta' tahrig (decizjoni waslet ghal din li konkluzjoni tal-ftehim

bejn il-kontendenti) ma hemmx dubbju li ittiehdet mill-appellat bl-assistenza u bil-pjena konsapevolezza ta' missieru. Tant huwa hekk illi l-missier stess cioe', Joseph Camilleri,ntrabat b'kuntratt formali mal-appellant, kif jirrizulta mid-dokument A ezibit mill-attur. F'dan il-kuntratt pubbliku, inter alia, jinghad hekk : -

> "Peress li Joseph Camilleri accetta li jaghmel garanzija lill-ibnu li ibnu jottempra ruhu mall-kundizzjonijiet tal-kuntratt imsemmi, Ghaldaqstant bis-sahha ta dan il-att l-imsemmi Joseph Camilleri jidhol garanti favur il-Gvern li ibnu Christopher Camilleri jottempra ruhu mall-kundizzjonijiet tal-kuntratt fuq imsemmi u bhala garanzija ghat-twettieq mill-imsemmi Christopher Camilleri tal-kundizzjonijiet fuq imsemmija inkluza il-hlas ta kull penali kontemplata f'dan l-att jekk ikun il-kaz, l-imsemmi Joseph Camilleri jipoteka favur il-Gvern il-benni tieghu kollha in generali presenti u futuri, sas-somma ta' LM1600."
>
> It-Tabib Principali tal-Gvern jaccetta l-ipoteka moghtija minn Joseph Camilleri."

7. Jidher car minn dan il-kuntratt illi missier l-appellat kien pjenament konsapevoli u konsensjenti fid-decizzjoni li ha ibnu li huwa jidhol ghal ftehim in kwistjoni mall-appellant. Dan il-fatt, li donnu ma naghtax l-importanza li jisthoqlu mill-ewwel Onorabbli Qorti, jwassal lil dina l-Qorti biex tirritjeni li il-ftehim in kwistjoni ma kienx null jew annullabbli, minhabba li l-appellat kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena. Dan ghaliex l-inkapacita' legali ta' l-appellat effettivament giet newtralizzata bil-kunsens espress u bl-intervent dirett ta' missieru li, dak iz-zmien,

kellu s-setgha ta' genitur fuq il-minuri ibnu, u ghalhekk, kellu rappenzentanza legali u leggitima tal-minuri ibnu, l-appellat.

8. Ta' minn jghid hawn, dwar l-aspett procedurali tal-kawza, li din saret validament kontra l-appellat wahdu billi meta giet intavolata ic-citazzjoni odjerna huwa ma baqghax minorenni u lahaq sar maggorenni.

9. Illi l-ewwel Qorti iddeciedit li il-ftehim in kwistjoni kien null " ab initio" minhabba nuqqas ta' kapacita' ta' wiehed mill-kontraenti u ghalhekk irritjeniet li ma kienux japplikaw il-provedimenti l-ohra tal-Kodici Civili li jipprovdu ghall-annullabbilita' tal-kuntratt minhabba qerq, vjolenza ecc. Dana wassal lil dik il-Qorti biex ma tiddecidix il-meritu strett tal-kawza, li bazikament kien immirat biex jigi dikjarat null il-ftehim ta' tahrig in kwistjoni minhabba agir "doluz u frawdolenti" da parti ta' l-appellat u biex dan l-appellat ikun ikkundannat jirrestitwixxi l-flus kollha zborzati mill-appellat in konnessjoni mal-ftehim in kwistjoni.

10. Illi kif intqal aktar qabel, din il-Qorti waslet ghal konkluzzjoni diversa fuq il-kwistjoni tal- kapacita' legali u fuq il-konsegwenti validita' ta' ftehim in kwistjoni. Ghalhekk hemm lok ghar-revoka tas-sentenza appellata fejn din irritjeniet li l-azzjoni, kif proposta, ma' tistax tregi minhabba nuqqas ta' kapacita' ta' wiehed minn kontraenti.

11. Illi din il-Qorti tista' tieqaf hawn u taghddi ghar-revoka tas-sentenza appellata u tibghat l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex il-kawza titkompla hemmhekk skond il-ligi. Pero', din il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun gust li taghmel hekk, cioe' tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti. Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom it-tul konsiderevoli taz-zmien li l-kawza ilha pendenti u l-fatt li l-ewwel Qorti en passant espremit ruhha fuq l-allegat agir doluz u frawdolenti ta l-appellat, jidhrielha fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li tista' u ghandha tissakkriffika il-vantagg tad- doppju ezami ghall- vantagg ta' pratticita' u ta' espeditezza, tardiva kemm hija tardiva, u taghddi biex hija stess tidderimi il-meritu. Dana, il-Qorti jidhrilha li jkun ekwu li jsir mhux, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 233 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) izda b'applikazzjoni analoga ta' l-ispirtu li janima l-istess artikolu.

12. Wiehed jinnota li ghalkemm l-ewwel Qorti ma ddecieditx il-meritu strett tal-kawza, pero', jidher car li hija hadet konjizzjoni ta' l-istess meritu u espremit ruhha dwar il-fatt krucjali tal-kawza u cioe' dwar l-allegat agir doluz u frawdolenti ta' l-appellat. L-ewwel Qorti, esprimiet ruhha hekk :-

> "Jinghad li l-Qorti hi sodisfatta illi c-certifikat li bis-sahha taghhom l-attur gie maghzul biex isegwi l-kors, ma kienux tieghu, imma ta; certu Patrick Agius. Il-fatt li fl-ezercizzju taht l-istess cirkolari w taht l-istess sejha ghall-applikazzjonijiet kien hemm tlett applikanti

> ohra li wkoll jirrizulta li kellhom certifikati foloz mal-applikazzjoni taghhom hu sintomatiku ta' 'system of conduct' ta' uhud min dawk li kienu interessati fis-settur li iqarqu bl-amministrazzjoni pubblika. Il-fatt imbaghad li l-konvenut, flimkien ma' zewg applikanti ohra, cahdu li qatt ipprezentaw dawn ic-certifikati foloz mal-applikazzjoni taghhom, mhu xejn hlief tentattiv trasparenti biex jostru l-qerq taghhom waqt li jaghtu l-impressjoni li l-amministrazzjoni pubblika kienet ghal kollox u b'mod irreponsabbli, inefficjenti w ingusta ma' min haqqu verament isegwi l-kors, persuni li gew infatti eskluzi minhabba l-qerq tal-konvenut u shabu. Ineficjenza amministrattiva, li fil-verita' tidher mod iehor, ghaliex ma jirrizulta minn imkien li sar l-ebda tentattiv minn min kien responsabbli biex jivverfika l-korrettezza w l-awtenticita' tad-dokumenti w certifikati ezibiti mal-applikazzjonijiet, qabel ma gie deciz dwar min kien kwalifikat li jsegwi l-kors skond il-kundizzjonijiet tal-'call for applications'. Dan kollu hareg waqt l-investigazzjoni mill-Bord ta' Inkjesta u jirrizulta ampjament mir-rapport taghhom."

13. Anke din il-Qorti, bhal l-ewwel Onorabbli Qorti, thoss li hemm provi skaccanti fil-process li jsostnu u jippruvaw l-allegazzjoni lamentata mill-appellant dwar l-agir doluz u frawdolenti prattikat mill-appellat, b'liema agir huwa irrnexxilu jidhol ghal ftehim li bis-sahha tieghu beda' il-kors ghat-tahrig in kwistjoni. Agir dana li inevitabilment iwassal ghan-nullita' tal-ftehim. Dan ghaliex l-appellant ma kien sejer jikkonsenttixxi qatt ghal ftehim in kwistjoni li kieku huwa kien jaf li l-appellat ma kellux il-kwalifiki mehtiega skond is-sejha ghall-applikazzjonijiet kontenuti fid-dokument D, u li c-certifikat prodott in sostenn ta' l-istess applikazzjoni (ara dokument B) u li fuqu l-appellat gie maghzul, ma kienx verament tieghu izda ta' terza persuna imsemmija fis-sentenza appellata. F'dawn ic-cirkostanzi allura isir applikabbli pjanament l-artikolu 981 tal-Kodici Civili li jghid hekk :

"981. (1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienetx tikkuntratta.

(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."

14. Illi din il-Qorti jidhrilha li l-appellant ghamel il-prova rikjesta mill-ligi ta' l-eghmil doluz allegat minnu fil-konfront ta' l-appellat, u ghalhekk hemm lok li tintlaqa' l-ewwel talba ta' appellant ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-ftehim ta' tahrig in kwistjoni.

15. Biz-zewg talbiet l-ohra tieghu kontenuti fl-att tac-citazzjoni, l-appellant qed jitlob li l-appellat ikun ddikjarat unikament responsabbli ghar-rifuzzjoni tal-flus u spejjes l-ohra kollha zborzati mill-appellant in konnessjoni mal-imsemmi ftehim. Huwa jikwantifika din is-somma fl-ammont ta'Lm 800.93,5.

16. Effettivament, l-appellant ghamel il-prova li huwa kien hallas lill-appellat is-somma ta' Lm 726.83,5 direttament bhala salarju, li inoltre hallas Lm 59.50 bhala kontribuzzjonijiet ghas-Sigurta' Nazzjonali, kif ukoll Lm 14.60. bhala spejjes biex sar il-kuntratt ezibit bhala dokument A. Minn naha l-ohra l-appellat qieghed jikkontesta r-rifuzjoni mitluba peress li jikkontendi li ghandu dritt ghall-hlas ghas-servizz li huwa rrenda lill-attur ghal zmien ta' madwar sena. Effettivament, l-appellat

xehed f'din il-kawza li bejn Marzu 1987 u Frar 1988 huwa kien assenjat f'l-ispizerija tar-Rahal il-Gdid, fejn kien iqatta' mit-tmienja ta' filghodu sa tlieta ta' wara nofsinnhar, b'nofs siegha break, u xogholu kien li jqassam il-pilloli lill-pazjenti fuq ir-ricetti li kienu jipprezentawlu. Xehed li matul dan il-perjodu kollu kien thallas Lm 56 fix-xahar. Inoltre, fir-risposta ta' l-appell tieghu l-appellat issottometta li wara li l-appellant ittermina il-ftehim, huwa ma resaqx biex jikkonpensah ghax-xoghol kollu li kien irrenda matul il-perjodu msemmi.

17. L-artikolu 1209 tal-Kodici Civili jipprovdi, inter alia, hekk dwar l-effetti li ghandhom isegwu ir-rexxissjoni tal-kuntratt:

> 1209. (1) "Bir-rexxissjoni tal-kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim.
>
> (2) Kull parti ghandha trodd lill-ohra dak li tkun irceviet jew dahhlet b'effett jew bis-sahha tal-kuntratt."

18. Issa, biex din il-Qorti tpoggi lura l-partijiet fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim, ma jinhtieg biss li l-Qorti semplicement tordna lill-appellat li jirrifondi s-somma zborzata mill-appellant lill-istess appellant, kif dan qieghed jitlob. Kemm il-ligi u kemm l-ekwita' jitolbu illi anke l-appellat ikun addegwament kompensat ghax-xoghol li huwa ippresta lill-appellant matul il-perjodu ta' cirka hdax-il xahar fuq imsemmi.

19. Illi wahda mir-ragunijiet li inklinat lil din il-Qorti li ma tibghatx lura l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti biex hija tkompli tisma' il-kawza wara li saret ir-revoka tas-sentenza appellata, hija precizament illi f'dan il-kaz ma jidherx li hemm xi diffikulta' legali jew diffikulta' fattwali biex issir it-tpacija bejn iz-zewg debiti msemmija ta' l-appellant u ta' l-appellat. Dana peress li l-kondizzjoni numru 9 kontenuta fis-sejha ghall-applikazzjonijiet ghad-dhul fil-kors ta' tahrig in kwistjoni (dokument D) jghid precizament hekk :

> "Studenti Teknici tal-Farmacija li jtemmu l-istudju taghhom, matul il-kors ikun mehtieg li jirrifondu l-ispejjes li jkun ghamel il-Gvern, kif muri :
>
> Matul l-ewwel sena : LM200 jew l-allawances imhallsa sa meta jispigga, dik li hi l-anqas ;
>
> Matul it-tieni sena : LM400.

20 Ghalkemm din il-kondizzjoni ma tapplikax ghal fattispeci partikolari tar-rexxissjoni tal-kuntratt ordnat mill-Qorti, pero', din il-Qorti jidhrilha li gustament tista' tkun gwidata bl-istess kondizzjoni, biex, "arbitrio boni viri" isib l-aktar solluzzjoni ekwa ghat-tpacija li hemm bzonn li ssir bejn id-debiti respettivi tal-kondendenti.

21. Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha li l-ammont li ghandu jigi riffuz mill-appellat lill-appellant ghandu jkun likwidat fis-somma ta' LM200.

22. Ghal dawn il-motivi :

Tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u ghalhekk tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur appellant, tilqa' ukoll it-tieni w tielet talba tieghu izda limitatament ghas-somma ta' LM200 li l-appellat huwa ikkundannat li jhallas lill-appellant, bl-imghax legali dekoribblli mill-lum.

L-ispejjes ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata, izda dawk ta' dina l-istanza ghandhom jithallsu kwantu ghal 75% mill-appellat u kwantu ghar-rimanenti 25% mill-appellant.

Dep/Reg

Rk